MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Numru. 354/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Martin Sammut)**

**v**

**Musa Yousf Hasn Otman ta' 24 sena,**
**iben Yousef u Zohra, imwieled**
**1980 Tripoli Libja u residenti Triq San Gorg,**
**Gzira, numru tal-passaport Libjan 887004.97**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Musa Yousf Hasn Otman li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar l-24 ta' April, 2005, gewwa Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi f'xi hin bejn l-erbgha u kwart (4.15 hrs) u l-

erbgha u nofs ta' filghodu (4.30) ikkommetta serq, mobile telephone tal-marka Nokia 1100, li jiswa aktar minn Lm 10 izda inqas minn Lm 100, liema serq huwa aggravat bil-hin, u dan ghad-dannu ta' Yonas Ketema Habtegerish, u dan bi ksur ta' artikoli 261 u 270 tal-Kapitlu tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal dawn il-proceduri u li hu ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi fil-kors tal-kawza l-Qorti semghet zewg verzjonijiet kontrastanti, dik ta' l-akkuzat u dik tal-allegat derubat.

L-akkuzat isostni li l-allegat derubat kellu jaghtih erbghin lira Maltin,  flus li kien sellfu precedentement, u dan baqa' jittrateni biex iroddomlu lura, ghalhekk ha l-mobile tieghu bhala tpacija.

Fl-istqarrija jghid li l-mobile tahulu l-istess Abdala, cioe d-derubat.   Min-naha l-ohra viva voce jsostni li hu u d-derubat kienu qeghdin jippassiggaw, ralu l-mobile f'idu, qallu „...isma' tini l-mobile ha narah.   Kif gie f'idejja ghidlu isma' mela jien se nzomm il-mobile sakemm jasal is-Sibt li qed tistenna, naghtik lura l-mobile tieghek u tini l-Lm 40 (a fol 46).

Aktar tard jghid li fil-fatt meta ra l-Pulizija qabad jigri ghax l-iehor beda jwerzaq ghajjut.   Hawn cioe viva voce jikkonferma dak li xehdu l-pulizija li intercettawh u cioe li hu gera, harab mill-pulizija, mentri fl-istatement qal li fil-fatt hu kien waqaf, cioe ma harabx mill-Pulizija.

Id-diskrepanza tal-verzjoni moghtija fl-istatement ghal dik offruta minnu viva voce, hija spjegata mill-akkuzat billi qal li hu waqt l-istqarrija ma kienx qed jifhem bil-Malti. Stranament pero' ma jispjegax ghal bniedem ma jifhemx bil-Malti kif allura ta dik il-verzjoni lill-Ufficjal Investigattiv!

Illi anke jekk il-Qorti tasal biex taccetta l-ahhar verzjoni ta' l-akkuzat u cioe dik ta' tpacija, jibqa' l-kwistjoni jekk ir-reat minnu kommess kienx dak ta' serq aggravat jew ta' ragion fattasi.

Pacifiku li fiz-zewg reati s-sid propju jigi spussessat mill-oggett, ghalkemm fis-serq mhux necessarju li l-oggett misruq kien necessarjament fil-pussess ta' sidu fil-hin tar-reat.

Kif ben iccita l-Avukat Difensur il-Carrara jsemmi fost wiehed mill-elementi li jikkostitwixxu flimkien ir-reat ta' serq dak ta' l-animo lucrandi'.  Allura hawn jinhtieg mhux biss dak l-element li tiehu oggett ta' haddiehor ‚res aliena', pero' jinhtieg element iehor mhux prezenti fir-ragion fattasi, dak li taghmel qliegh minn dak li hadt.  Ghalhekk il-mument li l-oggett mehud kien hekk mehud ghal vantagg jew sodisfazzjoni, mhux necessarjament ghall-profitt attwali, ta' l-agent, hawn jissusisti r-reat ta' serq cioe intenzjoni ta' lukru.

Ex admissis insibu li l-akkuzat jekk allura titwemmen it-tezi tieghu li hu ha l-mobile bhala tpacija, hawn jissusisti l-element ta' animo lucrandi.

Ghaldaqstant tqis lil Musa Yousf Hasn Otman hati tal-akkuza kif dedott kontra tieghu wara li rat l-artikoli 261, 270, 281 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tieghu li hija ghal kollox netta.

Tikkundannah ghal sena habs sospiza ghal sentejn wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------